MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SILVIO MELI**

Seduta ta' l-1 ta' Settembru, 2010

Numru. 907/2010

**Il-Pulizija**
**(Spetturi Keith Arnaud u Alexander Grech)**

**vs**

**Josef Mahouachi**
**Christian Debono**

Illum, l-Erbgha l-1 ta' Settembru tas-sena 2010;

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tal-imputati **Josef Mahouachi** ta' sbatax (17) –il sena, bin Faycal u Doreen nee` Galea, imwieled il-Pieta` nhar is-26 ta' Awwissu tas-sena 1993, residenti gewwa 1, Triq Giacomo Matteotti,

Fgura u huwa detentur tal-karta ta’ l-identita` bin-numru 390693(M);

u

**Christian Debono** ta’ tmitax (18) –il sena, bin Carmel u Veronica xebba Grech, imwieled il-Pieta` nhar it-30 ta’ Gunju tas-sena 1992, residenti gewwa Block C4, Flat 2, Triq Mahatma Ghandi, Fgura u detentur tal-karta ta’ l-identita` bin-numru 320292(M);

Talli nhar it-30 t’ Awwissu tas-sena 2010 ghal-habta tat-20:30 ta’ filghaxija, minn gewwa l-bini ta’ l-iskola MCAST, li tinsab fi Triq Kordin, Rahal il-Gdid, ikkommettejtu serq ta’ oggetti, liema serq huwa aggravat bil-valur, li jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centenzmu (€232.94) izda mhux izjed minn elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) u bil-hin u dan ghad-detriment ta’ Saviour Grech mill-Imqabba u/jew persuna jew persuni ohra;

Talli f’ gurnata bejn Marzu tas-sena 2009 u Gunju tas-sena 2009, f’ xi hin filghaxija, minn gewwa binja numru 177, Triq Kent, Fgura, ikkommettew serq ta’ oggetti, liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-valur, li jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda mhux izjed minn elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) u bil-hin u dan ghad-detriment ta’ persuna jew persuni mhux maghrufa;

Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsarat ma jiskorrux it-tlieta u ghoxrin euro u disgha u ghoxrin centezmu (€23.29), u dan ghad-detriment ta’ persuna jew persuni mhux maghrufa;

Talli Christian Debono renda ruhu recidiv ai termini ta’ l-artikolu 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta b’ sentenzi moghtija mill-Qrati ta’ Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula;

Semghet l-ammissjoni tal-imputati;

Rat id-dokumenti ezebiti;

Semghet lill-imputati jikkonfermaw id-dikjarazzjoni ta' htija minnhom registrata;

Issibhom hatja tal-imputazzjonijiet dedotti kontra taghhom;

Rat l-Artikolu 261( b) (c) (f), 263 (a), 267, 270, 278 (3), 280(2) u 325 (1) (d) fil-konfront taz-zewg imputati, kif ukoll l-artikoli 49 u 50 fil-konfront ta' l-imputat Christian Debono;

Wara li rat ic-cirkostanzi kollha tal-kaz; semghet lid-difiza u lill-Prosekuzzjoni fir-rigward; ezaminat l-istorja socjali tal-partijiet, tiddikjara li piena karcerarja m' hix idonea u tista` tirrizulta kontroproducenti;

Rat l-artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta u tordna minflok li l-imputati Mahouachi u Debono jitqghedu that ordni ta' probation f' idejn probation officer li jrid jinhatar mid-direttur appozitu ghall-perjodu ta' sentejn (2) millum, skont il-kondizzjonijiet annessi;

Tordna li d-Direttur tas-servizzi tal-Probation ikun notifikat b' din is-sentenza.

**ORDNI TA' PROBATION:**

Illi llum l-1 ta' Settembru tas-sena 2010, l-imputati fuq indikati gew imqieghda taht ordni ta' probation ghall-perijodu ta' sentejn millum bis-segwenti kondizzjonijiet:

1. Illi jirrisjedu fir-residenza abitwali taghhom;

2. Illi jekk ibiddlu r-residenza jridu jinfurmaw lill-Ufficjal Prosekutur u lill-*"probation officer"* b' dan;

3. Illi jridu jattendu ghall-laqghat prefissati mill-istess *"probation officer"*;

Illi jridu generalment jikkooperaw mal-istess *"probation officer".*

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------